Fit-Tribunal tal-Konsumatur

Daniela Bonavia

Vs

Power Plus Trading Ltd C 93388 – Frank Camilleri/Daystar Holdings Ltd C 16466

CCT 114/24/MM

Illum, 31 ta' Lulju 2025

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrent ippreżentat fil-25 ta' Mejju 2024 fejn talbet is-somma ta' elf u sitt mitt ewro (€1,600) rappreżentanti spiża biex isir frame ta' sett ta' pannelli fotvoltajici oriġinarjament mixtrija u nstallati mingħand l-azjenda intimata.

Ra r-risposta tas-soċjeta' intimata.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawża.

Sema x-xhieda bil-ġurament.

Sema' t-trattazzjoni u s-sottomissjonijiet tal-partijiet.

Ikkunsidra

Illi r-rikorrent tispjega li kienet ġiet pprovduta b'servizz li jikkonsisti f'installazzjoni ta' sistema ta' pannelli fotvoltajici mixtrija u nstallata mingħand l-azjenda intimata. Is-sistema kienet ġiet installata fit-13 t'April 2017 u dak inhar kienet ingħatat dokument tal-garanzija li jkopri terminu ta' għaxar snin fejn jistabilixxi li *"all components of the photovoltaic and inverter generating system and the system's installation"*. Illi r-rikorrenti tkompli tispjega li

fil-bidu tas-sena 2024 kien sar rapport mill-inġinier tas-soċjeta' intimata u kien stabbilixxa li d-defiċenza tal-panelli fotvoltajici kienet naqset drastikament tant li ma kinietx għadha fil-parametri aċċettabli u qal ukoll li l-installazzjoni tal-inverter u tal-panelli nnifishom kienet saret ħażin mill-bidu nett. Illi sussegwentement il-kumpanija intimata' kienet aċċettat li tibdel mingħajr ħlas 10 panelli iżda talbet li r-rikorrenti tieħu ħsieb l-ispejjeż tal-installazzjoni.

Illi s-soċjeta intimata rrispondiet u laqgħat għat-talba billi qalet li hija m'għandiex twieġeb għad-danni reklamati stante li r-rikorrenti trid li tbiddel il-pożizzjoni tal-istruttura għall-post ieħor fil-bejt u għalhekk l-ispejjeż biex tinqala l-istruttura u terġa titpoġġa x'imkien ieħor m'hijiex koperta bil-garanzija.

Illi fis-seduta tad-19 ta' Novembru 2024 xehed Martin Vella prodott mir-rikorrenti fejn esebixxa numru ta' ritratti u qal li l-installazzjoni tal-istruttura tal-panelli ma saritx tajjeb.

Illi fis-seduta tat-18 ta' Frar 2025 xehed Melvin Meli, installar liċenzjat mar-REWS, prodott mis-soċjeta' intimata fejn spjega li f'Diċembru 2023 kien mar jagħmel spezzjoni u ma ra xejn ħażin fl-installazzjoni tal-istruttura tal-panelli.

Ikkunsidra

Illi t-Tribunal jinnota li r-rikorrenti fl-affidavit tagħha tispjega li f'nofs is-sena 2023 kienet irċeviet telefonata mingħand is-soċjeta' intimata sabiex jinfurmawha li l-installazzjoni kienet waslet għall-spezzjoni. Illi wara sar rapport mill-inġinier imqabbad mis-soċjeta' intimata u skont ir-rikorrenti kien stabbilixxa li d-defiċenza tal-panelli fotvoltajici kienet naqset drastikament tant li ma kinietx għadha fil-parametri aċċettabli u qal ukoll li l-installazzjoni tal-inverter u tal-panelli nnifishom kienet saret ħażin mill-bidu nett. Dan wassal biex is-soċjeta' intimata aċċettat li tibdel mingħajr ħlas 10 panelli iżda talbet li r-rikorrenti tieħu ħsieb l-ispejjeż tal-installazzjoni.

Għalhekk m'hemmx kontestazzjoni li l-panelli kienu milquta' minn difett serju u jonqos biss li jiġi determinat jekk is-soċjeta' intimata għandiex twieġeb għall-ispejjeż tal-installazzjoni tal-istruttura.

Jinghad fid-deċiżjoni fl-ismijiet "**Perito Architetto Vincenzo Zarb -vs- Barone Fc. Chapelle**", Appell Civili, 8 ta' Jannar, 1912, illi "g*li effetti della garanzia nella vendita possono essere per convenzione, estesi o ristretti*". Inoltre mbaghad jigi puntwalizzat illi "il-*fatt li fuq id-dokument huma mnizzlin certi patti ta' garanzija, bhal fil-kaz prezenti, ma huwiex bizzejjed, wahdu, biex jeskludi l-garanizji aktar ampji li taghti l-ligi, ghax jehtieg li c-cirkostanzi tal-kaz ikunu juru li l-partijiet fil-fatt riedu u kienu kuntenti b'dik il-limitazzjoni tal-garanzija ghal dik biss li jkun espress fid-dokument b'eskluzjoni tal-garanziji legali, jew inkella li l-kondizzjonijiet tad-dokument ikun inkonciljabbli mal-garanzija legali*". (Ara "**Joseph Cefai -vs- Carmelo Petroni et nomine**", Appell Kummercjali, 28 ta' Gunju, 1957. Ara wkoll s-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet "**Christopher Falzon -vs- Noel Gauci**", 12 ta' Gunju, 2009.

Fil-każ preżenti, kif hekk kien ukoll il-każ ta' "**Dorianne Bartolo Vella -vs- Industrial Motors Limited**", Appell Inferjuri, 26 ta' Jannar, 2005, il-garanzija konvenzjonali pattwita kienet tikkostitwixxi mezz ta' tishih ghall-harsien tax-xerrej b'aggunta ghal dawk iggarantiti mil-ligi sija jekk mill-ottika ta' l-Artikolu 1390 tal-Kodici Civili, sija jekk skond il-previzjoni tal-ligi specjali fl-Artikolu 73 (1) tal-Kapitolu 378 fuq riportat;

Illi f'dan il-każ specifiku l-panelli u l-installazzjoni hekk mixtrija mir-rikorrenti kienu allegatament iggarantiti għal għaxar snin. Illi t-Tribunal jinnota li mid-dokumenti esebiti, jirriżulta bl-aktar mod ċar li l-garanzija mogħtija mis-soċjeta' intimata kienet valida għal għaxar snin u bdiet fit-13 ta' April 2017 u għalhekk il-garanzijja fuq il-panelli kienet għalqet valida meta saret din il-kawża. Għalhekk id-domanda li dan it-Tribunal irid iwieġeb hija jekk ir-rikorrenti għandiex raġun titlob li s-soċjeta intimata tkun responsabbli wkoll għall-ispejjeż tal-installazzjoni u l-istruttura.

Ikkunsidra

Illi dan it-Tribunal jinsab rinfaċċjat b'kunflitt ta' provi għal dak illi jolqot il-mertu tal-kawza u ċioe dwar min mill-partijiet huwa responsabbli għall-ispejjeż tal-installazzjoni u l-istruttura.

L-Artikolu 562 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi illi *"l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah"* waqt illi l-Artikolu 559 tal-Kap. 12 jipprovdi illi, *"Il-qorti għandha fil-każijiet kollha tordna li ssirilha l-aħjar prova li l-parti tista' ġġib."*

Konfrontata b'kunflitt ta' provi t-Tribunal irid jgħarbel liema verżjoni hija tassew l-aktar waħda kredibbli. Kif ingħad fil-prinċipji ta' dritt traċċjati aktar 'il fuq, it-Tribunal irid jagħmel evalwazzjoni dwar jekk verżjoni waħda teskludix l-oħra. Fil-każ tal-lum l-ebda verżjoni ma tista' tiskredita lill-oħra. Insab ravvisat fid-decizjoni fl-ismijiet "**Carmelo Farrguia –vs- Rokku Farrugia**", Prim' Awla, Qorti Civili, per Imhallef Maurice Caruana Curran, 24 ta' Novembru 1966, *"il-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant."*

Illi fil-fehema tat-Tribunal kien jispetta lir-rikorrenti li tippreżenta evidenza teknika biex tissostanzja l-argument tagħha. Illi t-Tribunal jinnota li l-prova reġina fil-każ odjern kienet tkun ix-xhieda jew ir-rapport tal-inġinier li għamel l-ispezzjoni fil-bidu tas-sena 2024 u li kien wassal biex is-soċjeta' intimata toffri li tibdel 10 panelli mingħajr ħlas. Illi dan ir-rapport ma jinsabx fl-atti u minkejja li r-rikorrenti ressqet diversi xhieda u preżentat rapport *ex parte* magħmul mill-inġinier Johan. A. Psaila datat 7 ta' Diċembru 2024, l-aqwa prova kienet tkun ir-rapport u x-xhiedha tal-inġinier imqabbad mis-soċjeta' intimata.

Illi t-Tribunal jinnota li rapport *ex parte* magħmul mill-inġinier Johan. A. Psaila datat 7 ta' Diċembru 2024 mhux maħluf u għalhekk skont il-liġi ma jagħmilx prova shiħa. It-Tribunal jinnota wkoll li dan ir-rapport jispjega li oriġinarjament parti mill-installazzjoni kienet saret f'parti tal-bejt propjeta' ta' terzi u jirrakkomanda li din għandha tersaq f'pożizzjoni tal-bejt fejn ikun faċilment aċċessibbli għar-rikorrenti. Illi din tikkorrispondi mar-risposta tas-soċjeta' intimata fejn tinsisti li m'għandiex tħallas spejjeż ta' installazzjoni għax l-istruttura ma kellha xejn ħażin u kienet ir-rikorrenti li trid tmexxi l-installazzjoni għall-parti oħra fuq il-bejt.

Illi t-Tribunal jinnota wkoll li fis-seduta tat-18 ta' Frar 2025 xehed Melvin Meli, installar liċenzjat mar-REWS, prodott mis-soċjeta' intimata fejn spjega li f'Diċembru 2023 kien mar jagħmel spezzjoni u ma ra xejn ħażin fl-installazzjoni tal-istruttura tal-panelli. Illi dan ix-xhud ma ġiex kontestat u lanqas sarlu kontro-eżami.

Illi t-Tribunal mhux f'pożizzjoni li jikkonferma jekk l-installazzjoni tal-istruttura tal-panelli saritx ħażin kif qed tinsisti r-rikorrenti. Illi r-rikorrenti xehedet fis-seduta tal-20 ta' Mejju 2025 li l-ammont mitlub minnha kienet għadha ma ħallsitux, li jindika li x-xogħol għadu ma sarx. Għalhekk ir-rikorrenti kellha wkoll kull opportunita' titlob lil dan it-Tribunal jaħtar espert sabiex jeżamina l-istruttura u jirrelata. Illi kif ingħad il-piż tal-prova huwa fuq ir-rikorrenti u kuen jispetta lill-istess r-rikorrenti li tippreżenta rapport ta' persuna teknika bħal inġinier jew jitolbu lit-Tribunal jaħtar espert sabiex jeżamina l-istruttura tal-panelli u jirrelata ma dan it-Tribunal. Illi dan kien iwassal sabiex jiġi determinat jekk ix-xogħol sarx skont is-sengħa u l-arti.

Illi l-piż tal-prova huwa fuq minn jallega. Fil-fehema tat-Tribunal, ir-rikorrenti naqset milli tissostanzja t-talbiet tagħha bi provi konkreti. Illi t-Tribunal huwa tal-fehema li fiċ-ċirkostanzi, r-rikorrenti naqas li jipprova l-każ tagħha u fuq bilanċ ta' probabbilita,' l-provi juri li s-soċjeta intimata m'għandhiex teħel l-ispejjeż tal-istallazzjoni tas-sistema tal-panelli. Għalhekk fil-fehma tat-Tribunal, ir-rikorrenti ma rnexxillux jipprova l-każ tiegħu sal-grad li trid il-liġi u għalhekk ser jiċħad l-ilment tar-rikorrenti.

Deċiżjoni

Ghall-motivi senjalati dan it-Tribunal qed jiċħad it-talba bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.

Avv. Dr Martha Mifsud

Arbitru